IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.1.2014
COM(2014) 32 final

2014/0014 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 fir-rigward tal-iskema għall-għajnuna għall-provvista ta' frott u ħaxix, banana u ħalib fl-istabbilimenti edukattivi**

{SWD(2014) 28 final}
{SWD(2014) 29 final}

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### Kuntest ġenerali

Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Regolament dwar l-Organizzazzjoni Komuni tas-Suq Unika)[1] jipprevedi qafas legali u finanzjarju li jirregola d-distribuzzjoni ta' prodotti agrikoli magħżulin lit-tfal fl-iskejjel permezz tal-Iskema tal-Ħalib għall-Iskejjel u l-Iskema tal-Frott għall-Iskejjel.

Iż-żewġ skemi ġew żviluppati b'mod indipendenti u f'perjodi ta' żmien differenti. L-Iskema tal-Ħalib għall-Iskejjel tmur lura għall-ħolqien tal-Organizzazzjoni tas-Suq Komuni għall-ħalib fl-1968 u effettivament ilha implimentata mill-1977. L-Iskema tal-Frott għall-Iskejjel hija programm iktar riċenti li oriġina bħala impenn politiku fil-kuntest tar-riforma tal-2007 tal-Organizzazzjoni tas-Suq Komuni għall-frott u l-ħaxix. L-iskemi attwali joperaw f'oqsma legali u finanzjarji differenti, u għandhom xi differenzi importanti fit-tfassil u l-funzjonament tagħhom.

Iż-żewġ skemi għall-iskejjel kienu stabbiliti sabiex jippromwovu l-konsum tal-frott u l-ħxejjex u l-prodotti tal-ħabib, li huma setturi importanti għall-agrikoltura Ewropea, b'kull wieħed minnhom li jirrappreżenta madwar 15 % tal-valur tal-produzzjoni agrikola tal-Unjoni Ewropea (UE). Minbarra l-importanza ekonomika tagħhom, huma ta' benefiċċju fil-kuntest tas-saħħa pubblika u huma xierqa għad-distribuzzjoni lit-tfal tal-iskejjel.

Ir-raġunament li wassal għall-istabbiliment taż-żewġ skemi tal-iskejjel għadu rilevanti fil-kuntest attwali tal-konsum li qiegħed jonqos ta' frott u ħaxix u prodotti tal-ħalib. Minkejja d-diversi sforzi għall-promozzjoni tas-saħħa u l-agrikoltura, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell tal-UE biex jiżdied il-konsum, ix-xejriet ta' tnaqqis baqgħu kif kienu, b'mod partikolari għall-frott u l-ħaxix frisk u l-ħalib tax-xorb. Din is-sitwazzjoni hija aggravata fost l-oħrajn mix-xejriet ta' konsum moderni lejn ikel ipproċessat ħafna li spiss ikollu livell għoli ta' zokkor, melħ u xaħam miżjud, u li jissaħħu mill-gruppi ta' età iżgħar.

Minkejja l-inkorporazzjoni pożittiva tal-iskemi attwali fl-iskejjel u l-għarfien tar-rilevanza tagħhom, il-konklużjonijiet meħuda minn rapporti differenti u evalwazzjonijiet esterni jixħtu dawl fuq ċerti nuqqasijiet fit-tifsila tagħhom u ineffiċjenzi fil-funzjonament tagħhom.

Il-PAK 2020 diġà fiha elementi importanti li huma mistennija li jsolvu xi wħud mill-problemi identifikati, b'mod partikolari permezz ta' bidliet sinifikanti fil-finanzjament tal-Iskema tal-Frott għall-Iskejjel u t-tisħiħ tad-dimensjoni edukattiva tagħha. Ir-rekwiżit il-ġdid taħt l-Iskema tal-Ħalib għall-Iskejjel li l-Istati Membri parteċipanti għandhom ifasslu strateġija ser jgħin jiffoka l-implimentazzjoni tal-iskema, bħalma huwa diġà l-każ għall-Iskema tal-Frott għall-Iskejjel. Madankollu, il-proposta tal-PAK 2020 tal-Kummissjoni ġiet adottata qabel ma l-evalwazzjonijiet esterni tal-iskemi attwali ġew iffinalizzati u ppreċediet ukoll ir-rapport tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (minn hawn 'il quddiem il-QEA).

### Objettivi tal-proposta

Il-proposta mhux biss għandha l-għan li tindirizza l-problemi endoġeni inerenti għall-funzjonament tal-iskemi sabiex iżżid l-effiċjenza u l-effikaċja tagħhom, iżda għandha wkoll l-għan li tipprovdi rispons politiku aktar magħqud biex tiżgura li jkunu jistgħu jissodisfaw l-

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti agrikoli u li jirrevoka r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347.20.12.2013.p.671)

objettivi fuq żmien twil u jwieġbu b'mod effettiv għall-isfidi esterni. Dan huwa konformi mar-rakkomandazzjoni tal-QEA li "*għandu jkun hemm aktar koordinazzjoni u sinerġija bejn iż-żewġ skemi sabiex jiġi żgurat approċċ globalment konsistenti ta' nutrizzjoni u li l-programmi jiġu ġestiti b'mod effiċjenti*". B'din il-proposta, il-Kummissjoni twieġeb ukoll għall-obbligu ta' rapportar li joriġina mill-Artikolu 225(c) tar-Regolament li jikkonċerna l-possibbiltà li jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tal-iskemi għall-iskejjel biex jinkludu ż-żejt taż-żebbuġa u ż-żebbuġ li jittiekel.

L-ewwel nett, il-proposta għandha l-għan li tiffoka mill-ġdid il-konfigurazzjoni attwali lejn l-objettivi fuq żmien twil, bil-għan li ssaħħaħ id-dimensjonijiet edukattivi taż-żewġ skemi, u biex tikkontribwixxi biex tqarreb mill-ġdid liċ-ċittadini żgħażagħ u l-ikel u s-sorsi tiegħu, u b'hekk issaħħaħ il-perċezzjonijiet tal-agrikoltura u l-prodotti tagħha, il-PAK u l-UE. Bħalissa, hemm diskrepanza bejn it-tfassil tal-iskemi u dawn l-objettivi, peress li dawn tal-aħħar huma indirizzat b'mod differenti fiż-żewġ skemi. Id-dimensjoni edukattiva kienet inkorporata fl-Iskema tal-Frott għall-Iskejjel sa mill-bidu nett, filwaqt li l-Iskema tal-Ħalib għall-Iskejjel ma tobbligax lill-Istati Membri jużaw miżuri edukattivi speċifiċi, u dan jagħmel ir-rabta bejn il-prodotti distribwiti u l-iskema waħda batuta. Barra minn hekk, is-sistema ta' evalwazzjoni u monitoraġġ tal-Iskema tal-Ħalib għall-Iskejjel hija dgħajfa, filwaqt li s-sistema tal-Iskema tal-Frott għall-Iskejjel teħtieġ titjib, li huwa importanti biex titkejjel l-effikaċja tagħhom għal żmien medju sa twil.

It-tieni nett, il-mira hija li jingħaqdu u jiġu kkonsolidati l-oqsfa legali u finanzjarji separati attwali u tiżdied il-viżibbiltà tal-intervent tal-UE, sabiex jiġi żgurat approċċ tal-PAK globalment konsistenti għad-distribuzzjoni fl-iskejjel u tiġi massimizzata l-effiċjenza fil-ġestjoni. Peress li l-iskemi attwali ġew żviluppati indipendentement u f'perjodi taż-żmien differenti, hemm nuqqas ta' koordinazzjoni u konsistenza bejniethom, minkejja li għandhom objettivi u gruppi fil-mira simili. Is-sistema frammentata attwali tinvolvi numru kbir ta' approċċi u messaġġi differenti, li jistgħu jħallu impatt negattiv fuq l-effettività tar-reġim kollu kemm hu. Din il-problema toriġina mill-oqsfa legali u finanzjarji differenti, id-differenzi fis-suq bejn il-prodotti involuti u d-deċiżjonijiet fil-livell tal-Istati Membri dwar kif għandhom jiġu implimentati ż-żewġ skemi.

Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, hemm ħtieġa li tiżdied l-effiċjenza tan-nefqa ddedikata għall-promozzjoni tal-konsum tal-prodotti agrikoli fl-iskejjel, fejn il-potenzjal finanzjarju tal-iskemi jkun immirat aħjar biex jimmassimizza l-impatt tagħhom u l-infiq effettiv tad-distribuzzjoni jiżdied. Uħud min-nuqqasijiet attwali huma komuni (bħal piż amministrattiv u organizzazzjonali qawwi), filwaqt li oħrajn huma speċifiċi għall-Iskema tal-Frott għall-Iskejjel (b'mod partikolari s-sottoeżekuzzjoni ta' madwar 30 % tal-potenzjal tagħha kif ukoll disparitajiet kbar fl-ispejjeż għall-prodotti involuti fid-distribuzzjoni) jew għall-Iskema tal-Ħalib għall-Iskejjel (effett deadweight potenzjali, proporzjon kostijiet-benefiċċji baxx).

## 2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Ir-reviżjoni tal-iskemi għall-iskejjel bdiet f'Ottubru 2012.

Matul il-proċess ta' Valutazzjoni tal-Impatt, twettqet konsultazzjoni pubblika, li stiednet lill-partijiet interessanti sabiex jikkontribwixxu fir-reviżjoni. Il-proċess ta' konsultazzjoni pubblika kien imsejjes fuq dokument ta' konsultazzjoni li kien strutturat fuq 9 mistoqsijiet miftuħa. Il-konsultazzjoni damet għaddejja għal 12-il ġimgħa u twettqet fuq il-bażi ta' kwestjonarju online. Barra minn hekk, ġew organizzati laqgħat u seduti separati matul il-proċess, inkluża l-laqgħa tal-partijiet interessati fil-15 ta' Marzu 2013.

It-tliet xenarji żviluppati fil-Valutazzjoni tal-Impatt huma 1) l-għażla "*status quo*" li żżomm l-oqfsa separati għad-distribuzzjoni fl-iskejjel iżda tintegra t-titjib li sar fl-iskemi tal-iskejjel mill-PAK 2020; 2) xenarju ta' "aġġustament" li jesplora jekk l-objettivi tar-reviżjoni jistgħux jintlaħqu fil-konfigurazzjoni separata attwali iżda permezz tal-miżuri/bidliet li għandhom l-għan li jimlew il-vojt fid-dimensjonijiet edukattivi tal-iskemi attwali, li jżidu s-sinerġiji bejn iż-żewġ skemi, li jtejbu u jissimplifikaw aktar il-programmi lil hinn mill-PAK 2020; u 3) xenarju ta' "qafas ġdid" li jinvolvi bidla politika konsiderevoli fl-għamla tal-qafas legali u finanzjarju għad-distribuzzjoni ta' numru ristrett ta' prodotti, flimkien mal-orjentazzjoni lejn l-objettivi fuq żmien twil permezz tad-dimensjoni edukattiva msaħħa tal-iskema.

Fuq il-bażi tal-evalwazzjonijiet tal-oqsfa politiċi attwali u l-analiżi tal-isfidi u l-ħtiġijiet tal-ġejjieni, il-valutazzjoni tal-impatt tevalwa u tqabbel l-impatti ta' dawn it-tliet xenarji politiċi alternattivi meta mqabbla mal-potenzjal tagħhom li jilħqu dawn l-objettivi, u f'termini ta' effikaċja, effiċjenza u koerenza tal-objettivi ġenerali:

– Ix-xenarju *status quo*, bi skema msaħħa ta' Frott għall-Iskejjel, ikompli jaggrava d-diskrepanzi eżistenti fid-dimensjoni edukattiva bejn l-Iskema tal-Frott għall-Iskejjel u l-Iskema tal-Ħalib għall-Iskejjel u ma jrendix wisq f'termini tal-effiċjenza tal-ġestjoni. Jagħti ukoll kontribut limitat fil-forniment ta' intervent uniformi u viżibbli tal-UE. Filwaqt li huwa newtrali f'termini tal-baġit, jinkludi ċerta inċertezza baġitarja mingħajr ebda limitazzjoni fuq il-finanzjament tal-Iskema tal-Ħalib għall-Iskejjel. Iżomm il-livell għoli ta' piż amministrattiv meta mqabbel mal-benefiċċji (proporzjon kostijiet-benefiċċji baxx), varjazzjonijiet qawwija fl-effiċjenza minħabba disparitajiet għolja fl-ispejjeż ta' produzzjoni għall-Iskema tal-Frott għall-Iskejjel u effett deadweight potenzjali issoktat fl-Iskema tal-Ħalib għall-Iskejjel. Hemm dubju jekk din l-għażla tistax tipprovdi rispons xieraq għal uħud mill-isfidi li qegħdin ifeġġu b'rabta mal-mudelli ta' konsum u domanda għall-prodotti agrikoli friski. Din tqieset bħal kontribuzzjoni limitata għall-objettivi orizzontali ta' regolamentazzjoni u simplifikazzjoni aħjar, filwaqt li għandha valur aħjar bil-potenzjal tagħha fil-kontribuzzjoni għall-objettivi tas-saħħa pubblika biex jitnaqqsu l-inugwaljanzi fis-saħħa permezz tal-istrateġiji u l-immirar.

– Min-naħa l-oħra, l-impatti ewlenin li joriġinaw mill-għażla ta' aġġustament huma mistennija li jiġu permezz tat-tisħiħ tad-dimensjoni edukattiva u s-sinerġiji tal-Iskema tal-Ħalib għall-Iskejjel fl-implimentazzjoni taż-żewġ skemi, filwaqt li jinżamm l-issettjar separat attwali. Dan jipprovdi kontribuzzjoni aħjar għall-objettivi fuq żmien twil biex tiżdied b'mod sostenibbli d-domanda għal dawn il-prodotti agrikoli u t-tiswir ta' drawwiet ta' dieta aktar sani. Hija pożittiva fir-rigward tas-sinerġiji miżjuda iżda dawn huma limitati minħabba arranġamenti finanzjarji differenti bejn l-iskemi. Piż amministrattiv aktar baxx iġib miegħu aktar benefiċċji, kumplessità aktar baxxa permezz ta' sinerġiji u proċeduri komuni.

– L-għażla ta' qafas ġdid tmexxi l-fokus tar-reġim attwali tal-iskejjel lejn struttura b'miżuri li jissodisfaw aħjar l-objettivi fuq żmien twil tal-iskemi u telimina d-diskrepanzi fit-tfassil li jeżistu attwalment bejn iż-żewġ skemi. Barra minn hekk, tagħti aktar flessibbiltà lill-Istati Membri biex jimmaniġġjaw il-programm tal-iskejjel u jiffokaw l-azzjonijiet tagħhom fuq il-bażi tal-ħtiġijiet ta' prijorità, bi flessibbiltà baġitarja meħtieġa biex ikunu jistgħu joperaw bejn drittijiet finanzjarji differenti u jwieġbu għas-sitwazzjonijiet li dejjem jinbidlu. Barra minn hekk, hija mfassla biex tagħti l-akbar impatt fl-intervent fl-iskejjel fi ħdan baġit fiss. Telimina l-inċertezzi marbuta mal-baġit tal-UE, peress li tistabbilixxi limitu annwali fiss għall-intervent fl-iskejjel, li tirrifletti l-potenzjal ta' assorbiment (PAK 2020) attwali. B'arranġamenti u

kundizzjonijiet finanzjarji mtejba għall-parteċipazzjoni, il-potenzjal eżistenti jista' jintuża b'mod aktar effiċjenti.

Fuq il-bażi ta' dan, il-Valutazzjoni tal-Impatt tikkonkludi li x-xenarju tal-"qafas il-ġdid" huwa l-aktar wieħed ibbilanċjat għall-fokus mill-ġdid b'mod progressiv tar-reġim ta' skemi għall-iskejjel lejn miri fuq żmien twil, u dan jippermettilhom li jwieġbu aħjar għall-problemi ġenerali tal-konsum li dejjem qed jonqos ta' frott u ħaxix u tal-ħalib u ż-żieda fl-obesità, u jistabbilixxi rabta importanti mal-agrikoltura u firxa tal-prodotti tagħha.

Is-simplifikazzjoni kienet kunsiderazzjoni importanti matul il-proċess kollu u għandha tittejjeb b'diversi modi, li l-biċċa l-kbira tagħhom ser jiġu b'mod partikolari permezz tas-simplifikazzjoni fuq il-bażi tal-atti tal-Kummissjoni fejn ċerti rekwiżiti ser jingħaqdu flimkien jew jitneħħew.

## 3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

Huwa propost li jiġi stabbilit qafas legali u finanzjarju komuni għad-distribuzzjoni tal-frott u l-ħaxix u l-ħalib lit-tfal fl-iskejjel, appoġġjat minn miżuri edukattivi msaħħa biex tiġi affermata mill-ġdid ir-rabta mal-agrikoltura u varjetà mill-prodotti tagħha, kif ukoll kwistjonijiet usa' bħal kwistjonijiet ambjentali u tas-saħħa pubblika. Il-qafas il-ġdid ikun newtrali f'termini tal-baġit u jopera fi ħdan il-baġit previst għall-iskemi tal-iskejjel taħt il-PAK 2020. L-istruttura tal-iskema l-ġdida hija mibnija prinċipalment fuq l-elementi eżistenti taż-żewġ skemi li huma kkunsidrati bħala li jiffunzjonaw sew u b'mod effiċjenti.

Il-proposta hija msejsa fuq l-Artikoli 42 u 43(2) tat-Trattat. Tikkonforma mal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità hekk kif il-qafas għall-azzjoni u l-prinċipji bażiċi huma stabbiliti fil-livell tal-UE, filwaqt li l-Istati Membri għad għandhom il-libertà li jfasslu l-iskema fuq il-bażi tal-prijoritajiet tagħhom u f'konformità mal-ispeċifiċitajiet nazzjonali/reġjonali, u biex jistabbilixxu l-miri u l-modalitajiet ta' implimentazzjoni tagħhom.

L-elementi ewlenin tal-proposta l-ġdida huma dawn li ġejjin:

- Fokus mill-ġdid tad-distribuzzjoni: huwa propost li d-distribuzzjoni tiġi ffokata fuq il-prodotti fl-iskejjel għal żewġ "prodotti ewlenin": il-frott u l-ħaxix frisk (inkluża l-banana) u l-ħalib tax-xorb biss, bil-kontenut ta' xaħam tal-ħalib tax-xorb li għandu jiġi deċiż mill-awtoritajiet nazzjonali tas-saħħa. Dan il-fokus ser ikun ta' benefiċċju għal bosta raġunijiet, speċjalment peress li d-distribuzzjoni ssir fi ħdan baġit fiss, inaqqas il-piż organizzazzjonali għall-iskejjel, u huwa konformi mal-ħtieġa ta' għajnuna biex jinqelbu x-xejriet ta' tnaqqis fil-konsum għal dawn iż-żewġ tipi ta' prodotti. Barra minn hekk, dan ikun konformi mal-prattika globali, peress li l-frott u l-ħaxix u l-ħalib tax-xorb huma l-prodotti l-aktar distribwiti taħt l-iskemi attwali. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jinkludi wkoll varjetà usa' ta' prodotti agrikoli fil-qafas tal-miżuri edukattivi tematiċi.
- Unifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet finanzjarji u titjib tal-kundizzjonijiet ta' finanzjament sabiex tiżdied l-effiċjenza fl-infiq:
  - Fid-dawl tad-differenzi bejn il-prodotti u l-ktajjen tal-provvista tagħhom, kif ukoll is-sitwazzjoni ta' konsum differenti madwar l-Istati Membri, jiġu allokati "pakketti" separati lill-Istati Membri għall-frott u l-ħaxix (inkluża l-banana) u l-ħalib. Pakkett għall-frott u l-ħaxix f'konformità mal-baġit tal-PAK 2020 (EUR 150 miljun) u pakkett għall-ħalib li jikkorrispondi għall-użu previst mill-fondi (EUR 80 miljun). Tiġi prevista ċerta flessibbiltà, li biha l-Istati Membri jkunu jistgħu jittrasferixxu partijiet limitati mill-allokazzjonijiet tagħhom bejn il-pakketti abbażi tal-ħtiġijiet tagħhom (prijoritizzazzjoni ta' intervent permezz

tal-istrateġiji). Fi ħdan dawn il-pakketti, jiġu stabbiliti livelli limitu biex jiġu appoġġjati l-miżuri u miżuri eliġibbli oħra, bħall-evalwazzjoni, il-monitoraġġ u l-komunikazzjoni.

– Fuq il-bażi tal-esperjenza li kien hemm s'issa, il-livell ta' kontribuzzjoni tal-UE għall-prezz tal-prodotti jkun limitat permezz ta' għajnuna massima tal-UE għal kull porzjon għall-frott u l-ħaxix u għall-ħalib, u mhux permezz tal-livelli ta' kofinanzjament tal-UE bħalma kien il-każ tal-Iskema tal-Frott għall-Iskejjel. Dan ikun element ġdid għall-frott u l-ħaxix, li jgħin inaqqas id-disparitajiet kbar fil-prezz għall-prodotti distribwiti u jimplika simplifikazzjoni fit-termini ta' ġestjoni. Il-livell ta' sussidju tal-UE għall-ħalib jiżdied sabiex jitnaqqas l-effett deadweight (billi tkun tista' ssir distribuzzjoni mingħajr ħlas jew kważi b'xejn) u jiżdied il-proporzjon kostijiet-benefiċċji tad-distribuzzjoni. Dawn l-elementi tal-proposta jirrispondu għall-impenn meħud mill-Kummissjoni[2] fil-kuntest tal-adozzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1370/2013[3] biex jiġu rriveduti l-arranġamenti finanzjarji tal-iskemi attwali, jiġifieri l-għajnuna għad-distribuzzjoni tal-ħalib kif ukoll il-kofinanzjament tal-ispejjeż tal-iskema tal-frott għall-iskejjel. L-Istati Membri ser ikunu jistgħu jipprovdu żidiet nazzjonali jew jattiraw il-finanzjament privat sabiex iwessgħu l-kamp ta' applikazzjoni u/jew l-intensità tal-intervent tagħhom tal-iskemi għall-iskejjel.

– Tisħiħ tad-dimensjoni edukattiva: l-appoġġjar ta' miżuri edukattivi jsir rekwiżit anki għad-distribuzzjoni tal-ħalib, u b'hekk jimtela l-vojt bejn l-iskemi attwali. Dawn il-miżuri jkollhom dimensjoni edukattiva b'saħħitha, b'fokus fuq kwistjonijiet agrikoli, ta' nutrizzjoni/saħħa (dieti bbilanċjati) u kwistjonijiet ambjentali. Barra minn hekk, jipprovdu strument essenzjali biex it-tfal (jerġgħu) jitqarrbu lejn l-ikel, il-produzzjoni agrikola u l-bdiewa. Il-miżuri edukattivi għandhom ikunu mmirati lejn il-popolazzjoni tal-iskejjel u jekk ikun possibbli jinvolvu l-familja u l-komunità kif ukoll jindirizzaw il-kwistjoni usa' tal-offerta eżistenti ta' għażliet aktar bnini ta' ikel u xorb fl-iskejjel. Huma siewja peress li l-evidenza turi li ħafna tfal jikbru mingħajr ma jkunu jafu minn fejn ġej l-ikel tagħhom - fejn u kif ġie prodott u x'inhuma l-prodotti ta' ċerti staġuni. Għalhekk, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu miżuri edukattivi tematiċi li xi drabi jistgħu jinkludu wkoll prodotti agrikoli, għajr iż-żewġ prodotti ewlenin, bħal pereżempju l-jogurts, il-frott u l-ħaxix ipproċessati, l-għasel, iż-żejt taż-żebbuġa, u prodotti simili. Il-lista tal-prodotti kollha forniti bl-iskema u l-aspetti nutrizzjonali tagħhom iridu jiġu approvati mill-awtoritajiet nazzjonali tas-saħħa. Il-miżuri edukattivi ta' sostenn ikunu jridu jintrabtu direttament mal-objettivi agrikoli tal-iskema u jkunu konformi mal-objettiv tal-promozzjoni ta' dieti bnini.

## 4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

L-impatt tal-proposta huwa newtrali f'termini tal-baġit meta mqabbel mal-i*status quo*. Għall-frott u l-ħaxix, il-livell massimu tal-baġit li huwa stabbilit bħalissa fir-Regolament Nru 1308/2013 (EUR 150 miljun għal kull sena skolastika) jinżamm f'din il-proposta. Għall-ħalib, il-proposta tinkludi pakkett ta' EUR 80 miljun għal kull sena skolastika, li jikkorrispondi għall-implimentazzjoni tal-baġit mistennija u b'konformità mal-ammonti

[2] Kumitat Speċjali dwar l-Agrikoltura, 11 ta' Novembru 2013.

[3] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1370/2013 tas-16 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-miżuri dwar it-tfassil ta' ċerti għajnuniet u rifużjonijiet relatati mal-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti agrikoli (ĠU L 346, 20.12.2013, p.12)

globali għan-nefqa relatata mas-suq u għajnuniet diretti meħuda f'konsiderazzjoni fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020.

Fir-rigward tad-distribuzzjoni tan-nefqa, l-akbar appoġġ ser jingħata għad-distribuzzjoni u s-sostenn tal-miżuri edukattivi. Spejjeż oħrajn, bħall-evalwazzjoni, il-monitoraġġ u l-komunikazzjoni, ser ikunu eliġibbli sa ċertu punt iktar limitat. Il-limiti għall-ispejjeż għall-miżuri edukattivi ta' sostenn u għal spejjez oħrajn relatati ser jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni fid-dawl tal-esperjenza bil-programmi attwali.

Id-dettalji tal-implikazzjonijiet baġitarji u finanzjarji huma pprovduti fid-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva li takkumpanja l-proposta.

2014/0014 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 fir-rigward tal-iskema għall-għajnuna għall-provvista ta’ frott u ħaxix, banana u ħalib fl-istabbilimenti edukattivi**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikoli 42 u l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[4],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[5],

Waqt li jaġixxu skont il-proċedura ordinarja leġiżlattiva,

Billi:

(1) It-Taqsima 1 tal-Kapitolu II tat-Titolu I tal-Parti II tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6] tipprevedi skema tal-frott u l-ħaxix għall-iskejjel inkluża l-banana u skema tal-ħalib għall-iskejjel.

(2) L-esperjenza miksuba bl-applikazzjoni tal-iskemi attwali, flimkien mal-konklużjonijiet tal-evalwazzjonijiet esterni u l-analiżi sussegwenti tal-għażliet politiċi differenti, jindikaw il-konklużjoni li r-raġunament li wassal għall-istabbiliment taż-żewġ skemi għall-iskejjel għadu rilevanti. Għalhekk, fil-kuntest attwali ta’ konsum dejjem jonqos ta’ frott u ħaxix inkluż il-banana u l-prodotti tal-ħalib, li iggrava, fost affarijiet oħra, mix-xejra moderna għal konsum ta’ ikel ipproċessat ħafna li, barra minn hekk, ta’ spiss ikollu livell għoli ta’ zokkor, melħ u xaħam miżjud, l-għajnuna tal-Unjoni li tiffinanzja l-provvista lit-tfal fl-istabbilimenti edukattivi ta’ prodotti agrikoli magħżula għandha tibqa’ teżisti.

(3) L-analiżi ta’ għażliet politiċi differenti tindika li approċċ unifikat taħt qafas finanzjarju u legali komuni huwa aktar xieraq u effettiv fl-ilħuq tal-objettivi speċifiċi li l-Politika Agrikola Komuni qiegħda timmira li tikseb permezz tal-iskemi għall-iskejjel. Dan jippermetti lill-Istati Membri sabiex iżidu kemm jistgħu l-impatt tad-distribuzzjoni b’baġit kostanti u jżidu l-effiċjenza tal-ġestjoni. Madankollu, sabiex jitqiesu d-differenzi bejn il-frott u l-ħaxix inklużi l-banana u l-prodotti tal-ħalib u l-ktajjen tal-provvista tagħhom, ċerti elementi għandhom jibqgħu separati, bħall-pakketti baġitarji

[4] ĠU C , , p. .

[5] ĠU C , , p. .

[6] Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347.20.12.2013, p.671)

rispettivi. Fid-dawl tal-esperjenza bl-iskemi attwali, il-parteċipazzjoni fl-iskema għandha tibqa' fuq bażi volontarja għall-Istati Membri. Filwaqt li jitqiesu s-sitwazzjonijiet ta' konsum differenti madwar l-Istati Membri, għandha tingħata l-possibbiltà lill-Istati Membri parteċipanti biex jagħżlu jekk iridux iqassmu l-prodotti kollha jew wieħed minnhom eliġibbli għall-provvista lit-tfal fl-istabbilimenti edukattivi.

(4) Ġiet identifikata xejra ta' konsum dejjem jonqos b'mod partikolari ta' frott u ħaxix frisk, inklużi l-banana u l-ħalib tax-xorb. Għalhekk, xieraq li d-distribuzzjoni skont l-iskemi għall-iskejjel tiġi ffokata fuq dawn il-prodotti. Min-naħa tagħha, din tgħin biex jonqos il-piż organizzattiv għall-iskejjel, iżżid l-impatt tad-distribuzzjoni b'baġit limitat u tkun konformi mal-prattika attwali, peress li dawn il-prodotti huma distribwiti l-iktar spiss.

(5) Hemm bżonn miżuri edukattivi li jappoġġjaw id-distribuzzjoni, sabiex l-iskema tkun effettiva fl-ilħuq tal-objettivi fuq żmien qasir u twil tagħha li żżid il-konsum ta' prodotti agrikoli magħżula u ssawwar dieti aktar bnini. Fid-dawl tal-importanza tagħhom, dawn il-miżuri għandhom jappoġġjaw kemm il-frott kif ukoll il-ħaxix inkluż id-distribuzzjoni tal-banana u l-ħalib. Għandhom ikunu eliġibbli għall-għajnuna mill-Unjoni. Bħala miżuri ta' appoġġ, dawn jirrappreżentaw għodda essenzjali biex jerġgħu jqarrbu lit-tfal lejn l-agrikoltura u l-prodotti differenti tagħha u biex jilħqu l-objettivi li qiegħda ssegwi l-iskema, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jinkludu firxa usa' ta' prodotti agrikoli fil-miżuri tematiċi tagħhom. Madankollu, sabiex jiġu promossi drawwiet ta' dieta bnina, l-awtoritajiet nazzjonali tas-saħħa għandhom ikunu involuti f'dan il-proċess u japprovaw il-lista ta' dawn il-prodotti, kif ukoll iż-żewġ gruppi ta' prodotti eliġibbli għad-distribuzzjoni, u jiddeċiedu dwar l-aspetti nutrizzjonali tagħhom.

(6) Sabiex tiġi żgurata ġestjoni baġitarja tajba, għandu jkun previst limitu fiss tal-għajnuna mill-Unjoni lejn id-distribuzzjoni tal-frott u l-ħaxix inklużi l-banana u l-ħalib, li jappoġġja l-miżuri edukattivi u l-ispejjeż relatati. Dan il-limitu għandu jirrifletti s-sitwazzjoni attwali. Fid-dawl tal-esperjenza miksuba u bil-għan li tiġi ssimplifikata l-ġestjoni, il-mudelli ta' finanzjament għandhom jiġu approssimati u bbażati fuq approċċ uniku fir-rigward tal-livell ta' kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni. Għalhekk, xieraq li jiġi limitat il-livell ta' għajnuna mill-Unjoni lejn il-prezz tal-prodotti permezz ta' għajnuna massima tal-Unjoni għal kull porzjon għall-frott u l-ħaxix inklużi l-banana u l-ħalib u jiġi abolit il-prinċipju ta' kofinanzjament obbligatorju għall-frott u l-ħaxix inkluża l-banana. Minħabba l-volatilità tal-prezz tal-prodotti inkwistjoni, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta ċerti atti fir-rigward tal-miżuri li jfasslu l-livell ta' għajnuna mill-Unjoni fir-rigward tal-prezz ta' porzjon mill-prodotti u li tistabbilixxi d-definizzjoni ta' porzjon.

(7) Sabiex jiġi żgurat l-użu effiċjenti u mmirat tal-fondi tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta ċerti atti fir-rigward tal-miżuri li jistabbilixxu l-allokazzjonijiet indikattivi tal-għajnuna mill-Unjoni lil kull Stat Membru u l-metodi għar-riallokazzjoni tal-għajnuna bejn l-Istati Membri fuq il-bażi tat-talbiet għall-għajnuna rċevuti. L-allokazzjonijiet indikattivi għandhom jiġu stabbiliti b'mod separat għall-frott u l-ħaxix inklużi l-banana u l-ħalib b'konformità mal-approċċ volontarju għad-distribuzzjoni. L-iskema ta' allokazzjoni għall-frott u l-ħaxix inkluża l-banana għandha tirrifletti l-allokazzjonijiet attwali mill-Istati Membri, fuq il-bażi tal-kriterji oġġettivi tan-numru ta' tfal fil-grupp ta' età ta' bejn sitta sa għaxar snin bħala sehem mill-popolazzjoni, filwaqt li jitqies ukoll l-istat ta' żvilupp tar-reġjuni kkonċernati. Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jżommu l-iskala tal-programmi attwali tagħhom u

bil-għan li jitħeġġu oħrajn sabiex jieħdu sehem fid-distribuzzjoni tal-ħalib, xieraq li tintuża t-taħlita ta' żewġ skemi għall-allokazzjoni tal-fondi għall-ħalib, jiġifieri l-użu storiku tal-fondi mill-Istati Membri taħt l-Iskema tal-Ħalib għall-Iskejjel u l-kriterji oġġettivi tan-numru ta' tfal fil-grupp ta' età ta' bejn sitta sa għaxar snin bħala sehem mill-popolazzjoni użata għall-frott u l-ħaxix inkluża l-banana. Sabiex jinstab is-sehem it-tajjeb għal dawn iż-żewġ skemi, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta ċerti atti fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli addizzjonali li jikkonċernaw il-bilanċ bejn iż-żewġ kriterji. Barra minn hekk, minħabba l-bidliet rikorrenti fis-sitwazzjoni demografika jew tal-iżvilupp tar-reġjuni fl-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta ċerti atti fir-rigward tal-valutazzjoni kull tliet snin dwar jekk l-allokazzjonijiet tal-Istati Membri, fuq il-bażi ta' dawn il-kriterji, għadhomx aġġornati.

(8) Sabiex l-Istati Membri b'daqs demografiku limitat ikunu jistgħu jimplimentaw skema kosteffikaċi, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta ċerti atti fir-rigward tal-istabbiliment tal-ammont minimu tal-għajnuna mill-Unjoni li l-Istati Membri għandhom dritt jirċievu għall-frott u l-ħaxix inklużi l-banana u l-ħalib.

(9) Fl-interess ta' amministrazzjoni u ġestjoni tal-baġit tajba, l-Istati Membri li jixtiequ jieħdu sehem fid-distribuzzjoni tal-frott u l-ħaxix inklużi l-banana u/jew il-ħalib għandhom japplikaw kull sena għall-għajnuna mill-Unjoni. Bil-għan li jiġu ssimplifikati l-proċeduri u l-ġestjoni, din l-applikazzjoni għandha ssir fuq il-bażi ta' talbiet għal għajnuna separati. Wara t-talbiet tal-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar l-allokazzjonijiet definittivi għall-frott u l-ħaxix inklużi l-banana u l-ħalib fl-approprjazzjonijiet disponibbli fil-baġit u wara li tqis trasferimenti limitati bejn l-allokazzjonijiet tagħhom, li jħeġġu l-prijoritizzazzjoni tad-distribuzzjoni fuq il-bażi tal-ħtiġijiet nutrizzjonali. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta ċerti atti fir-rigward tal-miżuri li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet u l-limiti li jikkonċernaw dawn it-trasferimenti.

(10) L-istrateġija nazzjonali għandha titqies bħala l-kundizzjoni għall-parteċipazzjoni tal-Istat Membru fl-iskema u bħala dokument strateġiku pluriennali li jistabbilixxi l-objettivi li għandhom jintlaħqu mill-Istati Membri u l-prijoritajiet tagħhom. L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jaġġornawhom b'mod regolari, b'mod partikolari fid-dawl tal-evalwazzjonijiet u l-valutazzjoni mill-ġdid tal-prijoritajiet jew il-miri.

(11) Sabiex tiġi żgurata l-viżibbiltà tal-iskema, l-Istati Membri għandhom jispjegaw fl-istrateġija tagħhom kif ser jiggarantixxu l-valur miżjud tal-iskemi tagħhom, speċjalment fejn il-prodotti ffinanzjati taħt l-iskema tal-Unjoni jiġu kkunsmati fl-istess ħin bħal ikliet oħrajn li jingħataw lit-tfal f'istituzzjoni edukattiva. Sabiex jiġi żgurat li jinkiseb l-iskop edukattiv tal-iskema tal-Unjoni u li dan ikun effettiv, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta ċerti atti fir-rigward tar-regoli li jikkonċernaw id-distribuzzjoni tal-prodotti ffinanzjati taħt l-iskema tal-Unjoni fir-rigward tal-provvista ta' ikliet oħra fl-istabbilimenti edukattivi u l-preparazzjoni tagħhom.

(12) Sabiex jiġi żgurat li l-prezz tal-prodott mogħti lit-tfal taħt l-iskema jirrifletti b'mod sħiħ l-ammont tal-għajnuna pprovduta u li l-prodotti sussidjati ma jiżvijawx mill-użu maħsub tagħhom, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta ċerti atti fir-rigward tal-istabbiliment tal-monitoraġġ tal-prezzijiet fl-iskema.

(13) Peress li l-prinċipju ta' kofinanzjament huwa abolit għad-distribuzzjoni tal-frott u l-ħaxix, hemm bżonn li jiġu emendati d-dispożizzjonijiet xierqa tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013[7].

(14) Ir-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013 u (UE) Nru 1306/2013 għandhom jiġu emendati kif xieraq. Għalhekk, sabiex tittieħed f'kunsiderazzjoni l-perjodiċità tas-sena skolastika, ir-regoli l-ġodda għandhom jibdew japplikaw mill-1 ta' Awwissu 20XX,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Emenda għar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti agrikoli**

Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 huwa emendat kif ġej:

(1) It-titolu tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu II tat-Titolu I tal-Parti II huwa sostitwit b'dan li ġej:

"GĦAJNUNA GĦALL-PROVVISTA TA' PRODOTTI AGRIKOLI FL-ISTABBILIMENTI EDUKATTIVI"

(2) l-intestatura "Sottotaqsima 1" u t-titolu "Skemi tal-frott u l-ħaxix għall-iskejjel" huma mħassra;

(3) L-Artikolu 23 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 23*

**Għajnuna għall-provvista tal-frott u l-ħaxix, il-banana u l-ħalib, miżuri edukattivi ta' sostenn u spejjeż relatati**

1. L-għajnuna mill-Unjoni għandha tingħata fir-rigward tat-tfal fl-istabbilimenti edukattivi msemmija fl-Artikolu 22:

   (a) għall-provvista tal-ikel u l-ħaxix, il-banana, u l-ħalib;

   (b) għall-miżuri edukattivi ta' sostenn; u

   (c) biex jiġu koperti ċerti spejjeż relatati marbuta mal-loġistika u d-distribuzzjoni, it-tagħmir, il-pubbliċità, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni.

2. L-Istati Membri li jixtiequ jieħdu sehem fl-iskema ta' għajnuna stabbilita fil-paragrafu 1 ("l-iskema għall-iskejjel") jistgħu jqassmu l-frott jew il-ħaxix inklużi l-banana jew il-ħalib li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 0401, jew it-tnejn li huma.

3. Bħala kundizzjoni għall-parteċipazzjoni tagħhom fl-iskema għall-iskejjel, l-Istati Membri għandhom ifasslu, qabel il-parteċipazzjoni tagħhom fl-iskema għall-iskejjel, u mbagħad kull 6 snin, fil-livell nazzjonali jew reġjonali, strateġija għall-implimentazzjoni tal-iskema. L-istrateġija tista' tiġi emendata minn Stat Membru, b'mod partikolari fid-dawl tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni. L-istrateġija tal-inqas għandha tidentifika l-ħtiġijiet li għandhom

---

[7] Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru *165/94, (KE) Nru* 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347.20.12.2013, p.549).

jiġu ssodisfati, il-klassifikazzjoni tal-ħtiġijiet f'termini ta' prijoritajiet, il-popolazzjoni fil-mira, ir-riżultati mistennija u l-miri kwantifikati li għandhom jinkisbu fir-rigward tas-sitwazzjoni inizjali, u jistabbilixxu l-istrumenti u l-azzjonijiet l-aktar xierqa biex jintlaħqu dawk l-objettivi.

4. L-Istati Membri, sabiex jagħmlu l-iskema għall-iskejjel effettiva, għandhom jipprovdu wkoll għall-miżuri edukattivi ta' sostenn, li jistgħu jinkludu miżuri u attivitajiet immirati sabiex iqarrbu lit-tfal lejn l-agrikoltura u firxa usa' ta' prodotti agrikoli, l-edukazzjoni dwar kwistjonijiet relatati, bħal drawwiet ta' dieta bnina, il-ġlieda kontra l-ħela ta' ikel, il-ktajjen alimentari lokali jew il-biedja organika.

5. Meta jfasslu l-istrateġiji tagħhom, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu lista ta' prodotti agrikoli, minbarra l-frott u l-ħaxix, il-banana u l-ħalib, li jistgħu xi kultant jiġu inklużi mal-miżuri edukattivi ta' sostenn.

6. L-Istati Membri għandhom jagħżlu l-prodotti li għandhom jiġu inkorporati fid-distribuzzjoni jew li għandhom jiġu inklużi fil-miżuri edukattivi ta' sostenn fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi li jistgħu jinkludu kunsiderazzjonijiet tas-saħħa u ambjentali, l-istaġjonalità, il-varjetà, jew id-disponibbiltà ta' prodotti lokali, u jagħtu prijorità sa fejn huwa prattikabbli għall-prodotti li joriġinaw fl-Unjoni, b'mod partikolari għax-xiri lokali, il-prodotti organiċi, il-ktajjen tal-provvista qosra jew il-benefiċċji ambjentali.

7. Sabiex jippromwovu drawwiet ta' dieta bnina, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet tas-saħħa kompetenti tagħhom japprovaw il-lista tal-prodotti forniti taħt l-iskema tal-iskejjel u jiddeċiedu dwar l-aspetti nutrizzjonali tagħhom."

(4) Huwa mdaħħal l-Artikolu 23*a*:

*"Artikolu 23a*

**Dispożizzjonijiet finanzjarji**

1. L-għajnuna mill-iskema għall-iskejjel allokata għad-distribuzzjoni tal-prodotti, il-miżuri edukattivi ta' sostenn u l-ispejjeż relatati msemmija fl-Artikolu 23(1), u mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet fil-paragrafu 4, ma għandhiex taqbeż:

(a) għall-frott u l-ħaxix u l-banana: EUR 150 miljun għal kull sena skolastika;

(b) għall-ħalib: EUR 80 miljun għal kull sena skolastika.

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 227 li jistabbilixxi l-livell ta' għajnuna mill-Unjoni li tista' titħallas għall-prezz tal-porzjon ta' frott u ħaxix inklużi l-banana u l-ħalib distribwiti u li jistabbilixxi d-definizzjoni ta' porzjon. Il-Kummissjoni għandha wkoll tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati f'konformità mal-Artikolu 227 li jistabbilixxi ammont minimu u ammont massimu għall-finanzjament ta' miżuri edukattivi ta' sostenn mill-allokazzjonijiet definittivi annwali tal-Istati Membri.

2. L-għajnuna msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi allokata lil kull Stat Membru, filwaqt li jitqies dan li ġej:

(a) għall-frott u l-ħaxix inklużi l-banana: il-kriterji oġġettivi bbażati fuq:

(i) in-numru ta' tfal bejn sitta sa għaxar snin bħala proporzjon mill-popolazzjoni,

(ii) il-grad ta' żvilupp tar-reġjuni fi ħdan Stat Membru sabiex tiġi żgurata għajnuna akbar lir-reġjuni li għadhom lura skont it-tifsira tal-Artikolu 3(5) ta' dan ir-Regolament, ir-reġjuni l-aktar imbiegħda elenkati fl-Artikolu 349 tat-Trattat jew/u l-gżejjer minuri tal-Eġew skont it-tifsira tal-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) Nru 229/2013, u

(b) għall-ħalib: l-użu storiku tal-fondi taħt l-iskemi preċedenti għall-provvista tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib lit-tfal u l-kriterji oġġettivi fuq il-bażi tal-proporzjon tagħhom ta' tfal ta' bejn sitta sa għaxar snin.

Il-Kummissjoni għandha tivvaluta tal-inqas kull tliet snin jekk l-allokazzjonijiet indikattivi għall-frott u l-ħaxix inkluż il-banana u għall-ħalib jibqgħux konsistenti mial-kriterji oġġettivi msemmija f'dan il-paragrafu.

3. L-Istati Membri għandhom japplikaw kull sena għall-parteċipazzjoni fl-iskema għall-iskejjel billi jissottomettu t-talba tagħhom għall-għajnuna mill-Unjoni għal kull prodott li jkunu jixtiequ li jiddistribwixxu kif imsemmi fl-Aritkolu 23(1)(a).

4. Mingħajr ma jaqbżu l-limitu globali ta' EUR 230 miljun, li jirriżulta mill-ammonti msemmija fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jittrasferixxu sa 15 % tal-allokazzjonijiet indikattivi tagħhom għall-frott u l-ħaxix inkluż il-banana jew għall-ħalib lis-settur l-ieħor taħt il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu speċifikati mill-Kummissjoni permezz ta' atti ddelegati adottati skont l-Artikolu 227.

5. L-iskema għall-iskejjel għandha tkun mingħajr ħsara għal kwalunkwe skema nazzjonali għall-iskejjel li hija kompatibbli mal-liġi tal-Unjoni.

6. Minbarra l-għajnuna mill-Istat, l-Istati Membri jistgħu jagħtu għajnuna nazzjonali skont l-Artikolu 217.

7. L-Unjoni tista' tiffinanzja wkoll, skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, miżuri ta' informazzjoni, monitoraġġ u evalwazzjoni relatati mal-iskema għall-iskejjel, inkluża sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwarha, u miżuri ta' netwerking relatati.

8. L-Istati Membri li jieħdu sehem fl-iskema għall-iskejjel għandhom jippubbliċizzaw, fil-postijiet fejn jitqassam l-ikel, l-involviment tagħhom fl-iskema u l-fatt li din hija ssussidjata mill-Unjoni. L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-valur miżjud u l-viżibbiltà tal-iskema għall-iskejjel tal-Unjoni fir-rigward tal-provvista ta' ikliet oħra fl-istabbilimenti edukattivi."

(5) L-Artikoli 24 u 25 huma sostitwiti b'dan li ġej**:**

*"Artikolu 24*

**Setgħat iddelegati**

1. Sabiex jiġu promossi d-drawwiet ta' dieta bnina għat-tfal u biex jiġi żgurat li l-għajnuna mill-iskema għall-iskejjel hija mmirata lejn it-tfal fil-grupp fil-mira msemmi fl-Artikolu 22, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 227 li jikkonċernaw regoli dwar:

(a) il-kriterji addizzjonali relatati mal-immirar tal-għajnuna mill-Istati Membri;

(b) l-approvazzjoni u l-għażla tal-applikanti għall-għajnuna mill-Istati Membri;

(c) it-tfassil tal-istrateġiji nazzjonali jew reġjonali u l-miżuri edukattivi ta' sostenn.

2. Sabiex jiġi żgurat l-użu effiċjenti u mmirat tal-fondi Ewropej, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 227 li jikkonċernaw:

(a) l-allokazzjoni indikattiva tal-għajnuna bejn l-Istati Membri għall-frott u l-ħaxix inklużi l-banana u l-ħalib u fejn ikun xieraq ir-reviżjoni tagħha wara l-valutazzjoni msemmija fit-tieni sottoparagrafu tal-Artikolu 23*a*(2), l-ammonti minimi tal-Unjoni għal kull Stat Membru, il-metodu għar-riallokazzjoni tal-allokazzjoni tal-għajnuna bejn l-Istati Membri fuq il-bażi tal-applikazzjonijiet riċevuti, u r-regoli addizzjonali li jikkonċernaw il-mod kif il-kriterji msemmija fl-ewwel sottoparagrafu tal-Artikolu 23*a*(2) għandhom jitqiesu għall-allokazzjoni tal-fondi,

(b) il-kundizzjonijiet li jikkonċernaw it-trasferimenti bejn l-allokazzjonijiet għall-frott u l-ħaxix inklużi l-banana u l-ħalib;

(c) l-ispejjeż u/jew il-miżuri li huma eliġibbli għall-għajnuna mill-Unjoni u l-possibbiltà li jiġu stabbiliti ammonti minimi u massimi għal spejjeż speċifiċi;

(d) l-obbligu għall-Istati Membri li jissorveljaw u jevalwaw l-effikaċja tal-iskema għall-iskejjel tagħhom.

3. Sabiex jiġi promoss l-għarfien tal-iskema għall-iskejjel, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 227, li jitolbu lill-Istati Membri bi skema għall-iskejjel sabiex jippubbliċizzaw ir-rwol tas-sussidjar tal-għajnuna mill-Unjoni.

4. Sabiex jiġi żgurat il-valur miżjud u l-viżibbiltà tal-iskema tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 227 fir-rigward tar-regoli li jikkonċernaw id-distribuzzjoni ta' prodotti fir-rigward tal-provvista ta' ikliet oħra fl-istabbilimenti edukattivi.

5. Filwaqt li titqies il-ħtieġa li jiġi żgurat li l-għajnuna hija riflessa fil-prezz li l-prodotti jkunu disponibbli bih fl-iskema għall-iskejjel, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ddelegati skont l-Artikolu 227, tadotta regoli dwar l-istabbiliment tal-monitoraġġ tal-prezzijiet skont l-iskema.

*Artikolu 25*

**Setgħat ta' implimentazzjoni skont il-proċedura ta' eżami**

Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta l-miżuri meħtieġa għall-applikazzjoni ta' din it-Taqsima inklużi:

(a) l-allokazzjoni definittiva tal-għajnuna għall-frott u l-ħaxix inklużi l-banana u/jew il-ħalib bejn l-Istati Membri parteċipanti fil-limiti stabbilti fl-Artikolu 23*a*(1), wara li jitqiesu t-trasferimenti msemmija fl-Artikolu 23a(4);

(b) l-informazzjoni li għandha tiġi inkluża fl-istrateġiji tal-Istati Membri;

(c) l-applikazzjonijiet għall-għajnuna u l-pagamenti;

(d) il-metodi tal-pubbliċità u l-miżuri ta’ netwerking fir-rigward tal-iskema għall-iskejjel;

(e) is-sottomissjoni, il-format u l-kontenut tar-rapporti ta’ monitoraġġ u evalwazzjoni mill-Istati Membri li jieħdu sehem fl-iskema għall-iskejjel;

(f) il-ġestjoni tal-monitoraġġ tal-prezzijiet."

(6) Is-sottotaqsima 2 hija mħassra.

(7) L-Aritikolu 217 huwa sostitwit b’dan li ġej:

*"Artikolu 217*

**Pagamenti nazzjonali għad-distribuzzjoni tal-prodotti lit-tfal**

L-Istati Membri jistgħu, flimkien mal-għajnuna mill-Unjoni għall-Artikolu 23, jagħmlu pagamenti nazzjonali għall-provvista tal-prodotti lit-tfal fl-istabbilimenti edukattivi jew għall-ispejjeż relatati msemmija fl-Artikolu 23(1)(c).

L-Istati Membri jistgħu jiffinanzjaw dawk il-mezzi permezz ta’ imposta fuq is-settur ikkonċernat jew bi kwalunkwe kontribuzzjoni oħra mis-settur privat.

L-Istati Membri jistgħu, flimkien mal-għajnuna mill-Unjoni għall-Artikolu 23, jagħmlu pagamenti nazzjonali għall-finanzjament tal-miżuri edukattivi ta’ sostenn, kif imsemmi fl-Artikolu 23(4)."

(8) L-Anness V huwa mħassar.

*Artikolu 2*

**Emenda għar-Regolament (UE) Nru 1306/2013**

Fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, punt (d) huwa sostitwit b’dan li ġej:

"(d) Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għall-miżuri relatati mal-mard tal-annimali u t-telf tal-kunfidenza tal-konsumaturi kif imsemmi fl-Artikolu 220 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013."

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fi jum […] wara l-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta’ Awwissu sena X

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

# DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA


**1. DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA**

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

1.2. Qasam/oqsma ta’ politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB

1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

1.4. Mira/i

1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

1.6. Durata u impatt finanzjarju

1.7. Metodu/i ta’ ġestjoni previst(i)

**2. MIŻURI TA’ ĠESTJONI**

2.1. Regoli ta’ monitoraġġ u rapportar

2.2. Sistema ta’ ġestjoni u kontroll

2.3. Miżuri biex jiġu evitati frodi u irregolaritajiet

**3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA**

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u intestatura/i baġitarja/i affettwata/i

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

*3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

*3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operattivi*

*3.2.3. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta’ natura amministrattiva*

*3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

*3.2.5. Kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi*

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

# DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

### 1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

| |
|---|
| Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 fir-rigward tal-iskema għall-għajnuna għall-provvista ta' frott u ħaxix, banana u ħalib fl-istabbilimenti edukattivi<br>Ir-Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1370/2013 li jistabbilixxi l-miżuri dwar it-tfassil ta' ċerti għajnuniet u rifużjonijiet relatati mal-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti agrikoli |

### 1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernata/i fl-istruttura ABM/ABB[8]

### 1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida wara proġett pilota/azzjoni preparatorja**[9]

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata mal-**estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

**X** Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni diretta mill-ġdid lejn azzjoni ġdida**

### 1.4. Objettiv(i)

*1.4.1. L-objettiv(i) strateġiku/strateġiċi pluriennali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/inizjattiva*

| |
|---|
| Il-proposta għandha l-għan li żżid b'mod sostenibbli s-sehem ta' frott u ħaxix (F&V) u prodotti tal-ħalib fid-dieti tat-tfal, u b'hekk tikkontribwixxi għall-objettivi tal-politika agrikola komuni (PAK) li jiġu stabbilizzati s-swieq u tiġi żgurata d-domanda fuq żmien twil. Għandha wkoll l-għan li tikkontribwwi għall-objettivi usa' ta' saħħa pubblika li jonqsu l-piż eċċessiv u l-obesità, u mard relatat mad-dieta billi ssawwar id-drawwiet sostenibbli ta' dieta bnina. |

*1.4.2. Objettiv(i) speċifika/speċifiċi u attività(jiet) tal-ABM/ABB ikkonċernati*

| |
|---|
| Objettiv speċifiku: Biex jittejjeb l-aċċess għall-ikel għall-gruppi soċjali sensittivi<br>Attività(jiet) tal-ABM/ABB ikkonċernata/i 05 02 "Interventi fis-swieq agrikoli " |

*1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistennija*

| |
|---|
| Il-proposta hija mistennija tibdel l-għarfien, l-attitudnijiet u l-preferenza taċ-ċittadini żgħażagħ lejn l-ikel u s-sors tiegħu, u l-perċezzjonijiet tagħhom tal-agrikoltura u l-prodotti tagħha.<br>Hija mistennija wkoll iżżid il-kosteffikaċja tad-distribuzzjoni tal-prodotti billi timmira aħjar l-għajnuna tal-UE.<br>Barra minn hekk, iżżid il-parti tal-baġit minfuqa fuq il-miżuri ta' akkumpanjament, u b'hekk ittejjeb l-impatt tagħhom fuq il-konsum tal-grupp fil-mira u telimina d-diskrepanzi bejn id-dimensjonijiet edukattivi tal-Iskema tal-Frott għall-Iskejjel (SFS) u l-Iskema tal-Ħalib għall-Iskejjel (SMS). |

[8] ABM: immaniġġjar ibbażat fuq l-attività – ABB: ibbaġitjar ibbażat fuq l-attività.

[9] Kif imsemmi fl-Artikolu 54(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

Fl-aħħar nett, twassal għal qafas komuni għal kull Stat Membru biex iżżid il-viżibbiltà tal-intervent tal-UE.

*1.4.4. Indikaturi tar-riżultati u tal-impatt*

Ġew stabbiliti tliet livelli ta' indikaturi fir-rigward tal-objettivi:

Indikaturi tal-impatt:

- Bidla fil-konsum dirett u indirett tal-Frott u l-Ħaxix frisk mit-tfal wara 5 snin mill-intervent
- Bidla fil-konsum dirett u indirett tal-ħalib tax-xorb mit-tfal wara 5 snin mill-intervent
- Titjib fil-kwalità djetetika ġenerali

Indikaturi ewlenin tar-riżultati:

- % tal-baġit disponibbli minfuq fuq il-miżuri ta' akkumpanjament
- % tal-miżuri ta' akkumpanjament implimentati b'rabta mal-agrikoltura u l-prodotti agrikoli
- Livell ta' effiċjenza tal-infiq għall-promozzjoni tal-konsum tal-prodotti agrikoli fl-iskejjel

Indikaturi ewlenin tal-prodotti:

- Numru ta' miżuri ta' akkumpanjament implimentati fl-Istati Membri (SM)
- Numru ta' tfal involuti fil-miżuri ta' akkumpanjament u sehem min-numru totali tal-parteċipanti
- Numru ta' miżuri ta' akkumpanjament relatati mal-agrikoltura tal-SM
- Kost għal kull porzjon
- Numru ta' Stati Membri parteċipanti, skejjel u tfal
- Volumi ta' prodotti distribwiti fl-iskejjel (numru ta' porzjonijiet ta' Frott u Ħaxix u ħalib)

## 1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

*1.5.1. Rekwiżit/i li jrid/u jiġu ssodisfat/i fuq żmien qasir jew twil*

Il-ħtiġijiet li fuqhom hija msejsa l-proposta huma l-ħtieġa li b'mod sostenibbli jiżdied il-konsum ta' frott u ħaxix u ħalib fit-tfal u l-ħtieġa li jissawru d-drawwiet ta' dieta bnina tagħhom.

L-iskemi għall-iskejjel tal-PAK kif implimentati bħalissa għandhom ċerti dgħjufijiet fit-tfisila u nuqqasijiet fil-funzjonament tagħhom li jridu jiġu indirizzati għaliex jillimitaw il-potenzjal tagħhom fl-ilħuq tal-objettivi ta' promozzjoni tal-konsum tal-prodotti agrikoli (objettiv tas-suq) u dieti bnini mat-tfal tal-iskejjel (objettiv tas-saħħa).

Il-problemi identifikati jikkonċernaw id-diskrepanza bejn it-tfassil tal-iskemi u l-objettivi tagħhom (għodod edukattivi differenti fiż-żewġ skemi), in-nuqqas ta' koordinazzjoni u konsistenza bejn iż-żewġ skemi u n-nuqqasijiet li jillimitaw l-impatt immedjat tal-infiq (piż amministrattiv u organizzazzjonali għoli fuq iż-żewġ skemi, sottoeżekuzzjoni baġitarja ta' 30 % fl-SFS, effett deadweight potenzjali u proporzjon kostijiet-benefiċċji baxx fl-SMS).

L-ixpruni huma marbuta prinċipalment man-nuqqasijiet regolatorji, qafas finanzjarju differenti, implimentazzjoni differenti fl-Istati Membri u għal xi fatturi esterni.

*1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE*

L-azzjoni fil-livell tal-UE tipprovdi l-finanzjament meħtieġ għall-inizjattivi madwar l-UE u sorsi addizzjonali ta' finanzjament li jippermettu lill-Istati Membri jespandu l-kamp ta' applikazzjoni tal-azzjonijiet tagħhom u jżidu l-effikaċja tagħhom. Jekk l-Istati Membri jkollhom jibbażaw ruħhom b'mod esklussiv fuq ir-riżorsi finanzjarji tagħhom stess, il-biċċa l-kbira tagħhom ma jkunux f'pożizzjoni li jimplimentaw inizjattivi ambizzjużi. Tikkontribwixxi wkoll għal kredibbiltà ikbar tal-iskemi fl-Istati Membri u għal titjib fl-immaġni u l-għarfien tal-UE. Qafas tal-UE għandu valur miżjud fl-iffaċilitar tal-għarfien kontinwu, it-trasparenza, it-trasferiment u l-iskambju tal-esperjenzi.

*1.5.3. Tagħlimiet minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

Bħalissa hemm żewġ programmi ta' distribuzzjoni fl-iskejjel iffinanzjati mill-UE taħt il-mandat tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) li b'mod speċifiku huma mmirati lejn it-tfal fl-iskejjel, jiġifieri l-Iskema tal-Ħalib għall-Iskejjel (SMS) u l-Iskema tal-Frott għall-Iskejjel (SFS). Iż-żewġ skemi għandhom l-istess mira reċiproka li jżidu, fuq bażi dejjiema, is-sehem ta' dawn il-prodotti fid-dieti tat-tfal fi stadju bikri meta d-drawwiet ta' dieta tagħhom ikun qegħdin jiġu ffurmati, u b'hekk jikkontribwixxu għall-objettivi tal-PAK, b'mod partikolari fl-istabbilizzazzjoni tas-swieq u l-iżgurar tad-domanda fit-tul. Barra minn hekk, l-iskemi huma konformi mal-objettivi usa' tas-saħħa pubblika peress li jikkontribwixxu fit-tiswir tad-drawwiet sostenibbli ta' dieta bnina.

Madankollu, minkejja din l-inklużjoni pożittiva fl-iskejjel u l-għarfien tal-potenzjal tagħhom, il-konklużjonijiet li ħarġu minn rapporti differenti - b'mod partikolari l-evalwazzjonijiet esterni tal-SFS u l-SMS, imnedijin mill-Kummissjoni, u r-rapport speċjali Nru 10/2011 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri - l-esperjenza wara snin ta' implimentazzjoni, identifikaw il-ħtieġa li jkun hemm iktar titjib fiż-żewġ skemi biex tiżdied l-effiċjenza u l-effikaċja tal-ġestjoni tagħhom. Il-ftehim riċenti dwar ir-riforma tal-PAK diġà indirizza xi wħud mill-problemi identifikati wkoll.

*1.5.4. Kompatibbiltà u sinerġija possibbli ma' strumenti xierqa oħrajn*

Billi tqis l-ispeċifiċitajiet settorjali, il-proposta hija kompatibbli mal-promozzjoni tal-prodotti agrikoli. Hija konformi wkoll mal-objettivi ta' saħħa pubblika (ġestjoni tal-piż, inugwaljanzi fis-saħħa), simplifikazzjoni u mal-prinċipji u l-miri fformulati fl-Istrateġija Ewropa 2020.

1.6. **Durata u impatt finanzjarju**

☐ Proposta/inizjattiva ta' **durata limitata**

– ☐ Proposta/inizjattiva b'effett minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS

– ☐ Impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS

**X** Il-proposta/inizjattiva **b'durata mhux limitata**

– Implimentazzjoni b'perjodu tat-tnedija mill-SSSS sal-SSSS,

– segwita b'operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. **Metodu(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)**[10]

☐ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– ☐ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☐ mill-aġenziji eżekuttivi;

**X Ġestjoni kkondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni indiretta** permezz tad-delega ta' kompiti ta' implimentazzjoni lil:

– ☐ pajjiżi terzi jew lil korpi li jkunu nnominaw;

– ☐ organizzazzjonijiet internazzjonali u l-aġenziji tagħhom (għandhom jiġu speċifikati);

– ☐ il-BEI u l-Fond Ewropew tal-Investiment;

– ☐ korpi msemmija fl-Artikoli 208 u 209 tar-Regolament Finanzjarju;

– ☐ korpi tal-liġi pubblika;

– ☐ korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sal-punt li jipprovdu garanziji finanzjarji xierqa;

– ☐ korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li huma inkarigati biex jimplimentaw sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji xierqa;

– ☐ persuni inkarigati biex jimplimentaw azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

[10] Dettalji tal-modi ta' ġestjoni u referenzi għar-Regolament Finanzjarju jistgħu jinstabu fuq is-sit BudgWeb: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u rapportar

Fl-iskema l-ġdida, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni huma inklużi fl-ispejjeż eliġibbli għall-għajnuna mill-UE minħabba l-importanza tal-ġestjoni u l-valutazzjoni tajba tal-effikaċja/l-effiċjenza tagħhom lejn l-objettivi identifikati. Hija stabbilita wkoll ir-rabta mal-istrateġija nazzjonali/reġjonali pluriennali (6 snin).

Il-monitoraġġ ser jitwettaq fuq il-bażi tar-rapporti annwali tal-SM li jkun fihom informazzjoni dwar il-baġit użat, in-numru ta' skejjel/tfal li jipparteċipaw u s-sehem tan-numru totali ta' skejjel/tfal tal-grupp fil-mira, il-frekwenza tad-distribuzzjoni, id-durata, iż-żmien u s-sistema, il-piż u l-prezz medji għal kull porzjon, il-konsum medju għal kull tifel/tifla u l-kwantitajiet totali distribwiti. Barra minn hekk, il-miżuri ta' akkumpanjament ser jiġu ssorveljati fir-rigward tal-metodi użati u l-ispiża, il-frekwenza, l-iskejjel/it-tfal parteċipanti, l-involviment tal-partijiet interessati, il-prodotti distribwiti tagħhom.

Il-proċess ta' evalwazzjoni ser jikkonsisti fir-rapporti ta' evalwazzjoni tal-SM wara 5 snin mill-implimentazzjoni tal-iskema biex jitkejlu l-impatti għal żmien medju, segwiti minn evalwazzjoni esterna mifruxa madwar l-UE sena wara l-evalwazzjonijiet tal-Istati Membri, biex tiġi vvalutata l-implimentazzjoni tal-iskema fil-livell tal-Istati Membri u tal-UE u tiġi vvalutata l-effikaċja, l-effiċjenza u l-koerenza u r-rilevanza globali skont l-istandards u l-linji gwida ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, jista' jiġi previst studju estern fuq l-indikaturi tal-impatti fuq żmien twil.

L-evalwazzjonijiet esterni tal-SFS u l-SMS u r-rapport Speċjali tal-Qorti tal-Awdituri Nru 10/2011 dwar dawn l-iskemi ttieħdu f'kunsiderazzjoni b'mod ċar għat-tfassil tal-proċessi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni relatati mal-iskema l-ġdida.

### 2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

#### *2.2.1. Riskju/i identifikat/i*

Ir-riskju ġenerali li jista' jiġi identifikat għandu x'jaqsam mal-effikaċja tal-iskema, jiġifieri li l-għajnuna tal-UE tasal għand il-benefiċjarji finali tal-iskema u tkkontribwixxi b'mod effettiv għall-ilħuq tal-objettivi tal-iskema.

Fuq il-bażi tal-esperjenza attwali mill-SFS, għandha tinxteħet attenzjoni partikolari fuq l-għażla tal-applikanti għall-għajnuna u l-proċeduri ta' akkwist użati għall-għoti ta' kuntratti għad-distribuzzjoni, il-pubbliċità, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni. Id-dispożizzjonijiet ta' kontroll għandhom ikopru wkoll l-implimentazzjoni tal-kuntratti msemmija. L-akkwist pubbliku huwa kwistjoni potenzjali għall-Iskema għall-Iskejjel.

Għal riskji oħra, l-effett deadweight possibbli u l-ispiża eċċessiva tal-prodotti distribwiti jew il-marġni għall-fornituri, jistgħu jiġu previsti dispożizzjonijiet (eż. dwar il-livell ta' għajnuna mill-UE għal kull porzjon).

F'dak li għandu x'jaqsam mal-miżuri ta' akkumpanjament, jista' jkun hemm riskju li dawn jaħbtu ma' miżuri edukattivi previsti fl-iskejjel u mal-promozzjoni tal-prodotti agrikoli. Sabiex dan jiġi evitat, id-definizzjoni ta' dawn il-miżuri ser tinvolvi grupp ta' esperti xjentifiċi tal-UE u r-rabta tagħhom mal-objettivi tal-iskema l-ġdida ser tiġi ddikjarata b'mod ċar. Id-dispożizzjonijiet ta' kontroll relatati mal-miżuri ta'

akkumpanjament għandhom jindirizzaw il-ġenwinità tan-nefqa b'mod ġenerali, li jipprovdu aċċertament anki meta dawk il-miżuri jkunu esternalizzati.

*2.2.2. Informazzjoni li tikkonċerna l-istruttura interna tas-sistema ta' kontroll*

L-aġenziji tal-pagamenti u l-korpi ta' kontroll iddelegati fil-livell tal-Istati Membri jiffurmaw is-sistema ta' kontroll.

Ser ikunu meħtieġa rapporti annwali tal-SM dwar il-kontrolli u l-verifiki fuq il-bażi ta' dawk li diġà qegħdin jintużaw għall-SFS u l-SMS attwali, biex jiġu pprovduti dettalji dwar il-ġestjoni amministrattiva u l-verifiki fuq il-post implimentati.

Barra minn hekk, is-sistema interna ta' ġestjoni u kontroll ser tuża r-rapporti ta' ġestjoni u evalwazzjoni mill-Istati Membri u tal-evalwazzjoni tal-UE kollha kemm hi. Fl-aħħar nett, grupp ta' esperti xjentifiċi tal-UE ser jipprovdi lill-Istati Membri u l-Kummissjoni b'pariri dwar l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni.

*2.2.3. Stima tal-ispejjeż u l-benefiċċji tal-kontrolli u l-valutazzjoni tal-livell mistenni tar-riskju ta' żball*

L-iskema għall-iskejjel ser tiġi koperta mis-sistema eżistenti ta' ġestjoni u kontroll għan-nefqa tal-FAEG.

Huwa kkunsidrat li l-proposta mhux ser twassal għal żieda fir-rata ta' żbalji għall-FAEG.

## 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet

Ser japplika r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-PAK.

B'mod ġenerali, is-sistemi ta' kontroll jipprovdu għal kontrolli amministrattivi eżawrjenti ta' 100 % tat-talbiet għal għajnuna, kontrolli reċiproċi ma' bażijiet ta' dejta oħra fejn dan huwa meqjus xieraq kif ukoll verifiki fuq il-post qabel il-ħlas għal għadd minimu ta' tranżazzjonijiet, skont ir-riskju marbut mar-reġim inkwistjoni. Jekk dawn il-verifiki jiżvelaw għadd kbir ta' irregolaritajiet, għandhom jitwettqu verifiki addizzjonali.

Il-pakkett leġiżlattiv għar-riforma tal-PAK jipprevedi wkoll li l-Istati Membri għandhom jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-irregolaritajiet u l-frodi, jimponu penalitajiet effettivi, proporzjonati u dissważivi, skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew il-liġi nazzjonali u jirkupraw kwalunkwe pagament irregolari flimkien mal-interessi. Jinkludi mekkaniżmu awtomatiku ta' approvazzjoni għall-każijiet ta' irregolarità, li jipprevedi li jekk l-irkupru ma jkunx seħħ fi żmien erba' snin mid-data tat-talba tal-irkupru, jew fi żmien tmien snin f'każ li jkunu nbdew proċedimenti legali, l-ammonti li ma jiġux irkuprati għandhom jitħallsu mill-Istat Membru kkonċernat. Dan il-mekkaniżmu jħeġġeġ ħafna lill-Istati Membri jirkupraw il-pagamenti irregolari malajr kemm jista' jkun.

Fl-istadju inizjali tal-iskema l-ġdida u minkejja li mhijiex prevista approvazzjoni formali tal-UE għall-istrateġiji tal-SM, id-dispożizzjonijiet dwar il-kontenut tagħhom (u possibbilment mudell) ser jippermettu l-possibbiltà ta' identifikazzjoni u l-prevenzjoni bikrija tar-riskju ta' frodi.

Matul l-implimentazzjoni, it-talbiet għall-interpretazzjoni legali jew il-pariri mill-Kummissjoni u/jew il-grupp ta' esperti xjnetifiċi tal-UE ser jgħinu wkoll lill-SM jevitaw il-frodi.

Barra minn hekk, ser jitwettqu verifiki *ex-post* u jingħata segwitu b'saħħtu għal kwalunkwe allegazzjoni ta' abbuż frodulenti tal-iskema.

## 3. STIMA TAL-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

### 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-intestatura/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i:

- Linji baġitarji eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-intestaturi baġitarji.

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Intestatura baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Diff./mhux diff. (11) | mill-pajjiżi tal-EFTA[12] | minn pajjiżi kandidati[13] | minn pajjiżi terzi | skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju |
| 2 | 05 02 08 12 – Skema tal-Frott għall-Iskejjel | mhux diff. | LE | LE | LE | LE |
| 2 | 05 02 12 08 – Ħalib għall-Iskejjel | mhux diff. | LE | LE | LE | LE |

- Intestaturi baġitarji ġodda mitluba

*Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-intestaturi baġitarji.*

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Intestatura baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Diff./mhux diff. | mill-pajjiżi tal-EFTA | minn pajjiżi kandidati | minn pajjiżi terzi | skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju |
| | MHUX APPLIKABBLI | | LE | LE | LE | LE |

11 Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux Diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.
12 EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
13 Pajjiżi kandidati u, fejn ikun applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

## 3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

### *3.2.1. Sommarju tal-istima tal-impatt fuq in-nefqa*

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | 2 | Tkabbir sostenibbli: riżorsi naturali |
|---|---|---|

| DĠ: AGRI | | | *2014*[14] | 2016[15] | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • Approprjazzjonijiet operattivi | | | | | | | | | |
| 05 02 08 12 – Skema tal-Frott għall-Iskejjel | Impenji | (1) | *122* | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| | Ħlasijiet | (2) | *122* | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| 05 02 12 08 – Ħalib għall-Iskejjel[16] | Impenji | (1a) | *75* | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| | Ħlasijiet | (2a) | *75* | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| TOTAL approprjazzjonijiet | Impenji | =1+1a | *197* | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| | Ħlasijiet | =2+2a | *197* | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| • TOTAL approprjazzjonijiet operattivi | Impenji | (4) | *197* | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | **0** |
| | Ħlasijiet | (5) | *197* | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | **0** |
| • TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-qafas finanzjarju għal programmi speċifiċi | | (6) | *0* | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** |
| **TOTAL approprjazzjonijiet** | Impenji | =4+ 6 | *197* | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | **0** |

14 L-ammonti tal-Baġit 2014 huma mogħtija għall-informazzjoni biss.

15 Għal raġunijiet ta' paragun, huwa preżunt li l-implimentazzjoni tibda fl-2016. Barra minn hekk, iż-żieda fil-pakkett għall-frott għall-iskejjel maqbul fir-riforma (ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1370/2013 li jistabbilixxi l-miżuri dwar l-issettjar ta' ċerti għajnuniet u rimborżi relatati mal-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti agrikoli) ser tiġi implimentata mis-sena skolastika 2014/2015 u huwa preżunt li l-ammont ser jintuża kollu.

16 Għall-iskema tal-ħalib, il-proposta tipprevedi li tistabbilixxi pakkett ta' EUR 80 miljun għal kull sena skolastika. Dan jikkorrispondi għall-eżekuzzjoni ta' baġit mistennija u f'konformità mal-ammont globali għan-nefqa relatata mas-suq u għajnuniet diretti meqjusa fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020.

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **għall-INTESTATURA 2**<br>tal-qafas finanzjarju pluriennali | Ħlasijiet | =5+ 6 | *197* | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | **0** |

| | | |
|---|---|---|
| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | **5** | "Nefqa amministrattiva" |

Miljuni ta' EUR

| | | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| DĠ: AGRI | | | | | | | |
| • Riżorsi umani | | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| • Infiq amministrattiv ieħor | | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** |
| **TOTAL DĠ AGRI** | Approprjazzjonijiet | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| TOTAL approprjazzjonijiet<br>għall-INTESTATURA 5<br>tal-qafas finanzjarju pluriennali | (Total tal-impenji = Total tal-ħlasijiet) | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |

Miljuni ta' EUR

| | | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL approprjazzjonijiet**<br>**taħt l-INTESTATURI 1 sa 5**<br>tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| | Ħlasijiet | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |

*3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operattivi*

– X Il-proposta/inizjattiva ma tirrekjedix l-użu ta’ approprjazzjonijiet operattivi

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta’ approprjazzjonijiet operattivi, kif spjegat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet għall-impenji f’miljuni ta’ EUR

| Indika l-miri u r-riżultati | | | 2016 | | 2017 | | 2018 | | 2019 | | 2020 | | TOTAL | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | RIŻULTATI (prodotti) | | | | | | | | | | | | | |
| | Tip[17] | Kost medju | Le | Kost | Le | Kost | Le | Kost | Le | Kost | Le | Kost | Le | Kost |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU | | | Biex jittejjeb l-aċċess għall-ikel għall-gruppi soċjali sensittivi | | | | | | | | | | | |
| Produttività | Nru ta’ miżuri ta’ akkumpanjament | | | | | | | | | | | | | |
| Produttività | Nru ta’ tfal fil-miżuri ta’ akkumpanjament | | | | | | | | | | | | | |
| Produttività | Nru ta’ miżuri ta’ akkumpanjament relatati mal-agrikoltura | | | | | | | | | | | | | |
| **SPIŻA TOTALI** | | | | | | | | | | | | | | |

17 Ir-riżultati huma prodotti u servizzi li jridu jiġu pprovduti (eż.: l-għadd ta’ skambji tal-istudenti ffinanzjati, l-għadd ta’ km ta’ toroq mibnija, eċċ.).

*3.2.3. L-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

3.2.3.1. Sommarju

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġ l-ebda użu ta' approprazzjonijiet ta' natura amministrattiva

– **X** Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġ l-ebda użu ta' approprazzjonijiet ta' natura amministrattiva:

Miljuni ta' EUR

| | **2016** | **2017** | **2018** | **2019** | **2020** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | |
| Riżorsi umani | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Infiq amministrattiv ieħor | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| **Subtotal INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| **TOTAL** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** | **0** |

L-approprjazzjonijiet ta' riżorsi umani meħtieġa ser jagħmlu tajjeb għalihom l-approprjazzjonijiet mid-DĠ li diġà huma assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li tqassmu mill-ġdid fi ħdan id-DĠ, flimkien, fejn ikun hemm bżonn, ma' allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni skont il-proċedura ta' allokazzjoni annwali u fid-dawl ta' restrizzjonijiet baġitarji.

3.2.3.2. Stima tar-riżorsi umani meħtieġa

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani.

– X Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

*L-istima għandha tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għal Full Time:*

| | | ***2016*** | ***2017*** | ***2018*** | ***2019*** | ***2020*** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| XX 01 01 01 (kwartieri ġenerali u l-Uffiċċji ta' rappreżentanza tal-Kummissjoni) | | 4 | 4 | 4 | 4 | 4 |
| XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet) | | | | | | |
| XX 01 05 01 (Riċerka indiretta) | | | | | | |
| 10 01 05 01 (Riċerka diretta) | | | | | | |
| XX 01 02 01 (AK, INT, ENS mill-"pakkett globali") | | | | | | |
| XX 01 02 02 (AK, LA, ENS, INT u JED fid-delegazzjonijiet) | | | | | | |
| **XX** 01 04 ***ss*** | - fil-kwartieri ġenerali | | | | | |
| | - delegazzjonijiet | | | | | |
| **XX** 01 05 02 (AK, ENS, INT – riċerka indiretta) | | | | | | |
| 10 01 05 02 (AK, ENS, INT – riċerka indiretta) | | | | | | |
| Linji baġitarji oħra (speċifika) | | | | | | |
| **TOTAL (*)** | | **4** | **4** | **4** | **4** | **4** |

XX huwa l-qasam ta' politika jew titolu baġitarju kkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa ser jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà ġie assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew tqassam mill-ġdid fi ħdan id-DĠ, flimkien, jekk ikun hemm bżonn, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni skont il-proċedura ta' allokazzjoni annwali u fid-dawl ta' restrizzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

| | |
|---|---|
| Uffiċjali u persunal temporanju | Il-ġestjoni tal-leġiżlazzjoni, it-tfassil tal-politika, l-analiżi u l-pariri ekonomiċi, il-koordinazzjoni u l-konsultazzjoni bejn is-servizzi, il-komunikazzjoni interna u l-informazzjoni pubblika, ir-rappreżentazzjoni tal-istituzzjoni u n-negozjar, l-immaniġġjar tad-dejta statistika, |
| Persunal estern | |

*3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

- **X** Il-proposta/l-inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali.
- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ iprogrammar mill-ġdid tal-intestatura relevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali attwali.
- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-applikazzjoni tal-istrument tal-flessibbiltà jew ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali.

*3.2.5. Kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi*

- Il-proposta/inizjattiva ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi.
- **X** Il-proposta/l-inizjattiva tipprevedi l-kofinanzjament stmat hawn taħt:

| |
|---|
| Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għal din l-iskema hija indikata fil-punt 3 tal-Artikolu 1 tal-abbozz ta' regolament. Barra minn hekk, il-livell ta' għajnuna mill-Unjoni (rata fissa) għall-ispiża tal-parti għall-frott u l-ħaxix u l-ħalib ser jiġi deċiż permezz ta' atti ddelegati.<br><br>Il-livell tal-kontribuzzjoni tal-UE għall-ispiża tal-prodotti ser ikun limitat permezz ta' għajnuna massima mill-UE għal kull porzjon għall-prodotti kemm tal-frott u l-ħaxix kif ukoll dawk tal-ħalib. L-Istati Membri ser ikollhom l-għażla li jipprovdu żidiet jew jattiraw il-finanzjament privat sabiex iwessgħu l-kamp ta' applikazzjoni u/jew l-intensità tal-intervent tagħhom tal-iskemi għall-iskejjel. F'dan l-istadju, mhuwiex possibbli li jiġi kkwantifikat l-ammont totali tal-kontribuzzjoni tal-partijiet terzi, fid-dawl tad-diversità tal-partijiet terzi (pubbliċi u/jew privati) u fin-nuqqas tal-informazzjoni rilevanti fil-preżent. |

**3.3. Impatt stmat fuq id-dħul**

- **X** Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.
- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:
  - ☐ fuq ir-riżorsi proprji
  - ☐ fuq id-dħul mixxellanju